MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru. 461/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)**

**Vs**

**Italo Grech ta' 25 sena, iben George u Carmela nee' Gatt, imwieled Pieta' fit-12 ta' Awissu 1983 u li joqghod fil-fond Blokk 5, Flat 2, Triq il-Fosos, Furjana bin-numru tal-karta ta'l-identita' 399283(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Italo Grech akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 2004 fil-Hamrun, u/jew f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, ikkometta serq ta' stereo u zewg speakers tal-marka Pioneer bin-numru serjali mhux maghruf, kif ukoll numru ta' CD's u video

cassettes minn go vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta'registrazzjoni DBI 019, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-Lm100, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Doris Pace mill-Hamrun.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10), izda inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50), u cioe' fl-istess vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni DBI 019 ghad-detriment ta' Doris Pace mill-Hamrun.

U talli fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' Marzu 2005 f'Santa Venera u/jew f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer ikkometta serq ta' apparat li kien jikkonsisti f'*mobile phone hands free* minn go vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni BBK 384, liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Michael Caruana minn Santa Venera u ta' Francesco Xuereb minn Hal Tarxien.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara hi ta' inqas minn ghaxar lira Maltin (Lm10) u cioe' fl-istess vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni BBK 384 ghad-detriment ta' Michael Caruana minn Santa Venera u ta' Francesco Xuereb minn Hal Tarxien.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi malli sar jaf li xi haga kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li igharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf.

U talli sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli kiser il-provvedimenti ta’l-artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 9 ta’ Marzu 2005, f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

U talli kiser il-provvedimenti ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza mogthija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 18 ta’ Marzu 2005 f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u illiberat that kudnizzjoni li ma jaghmixl reat iehor fi zmien erbatax-il xahar.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tat-28 ta’ Awissu 2007.

Semghet il-kunsens moghti mill-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi dana il-kaz jitratta dwar zewg serqiet separati minn zewg vetturi, l-ewwel serqa sehhet f’Lulju tas-sena 2004 u l-ohra f’Marzu tas-sena 2005. Irrizulta mill-provi illi dawn is-serqiet sehhew fl-istess akawati, l-ewwel wahda mill-Hamrun u l-ohra minn Santa Venera. Kienet biss informazzjoni kunfidenzjali li wasslet lill-pulizija ghal persuna ta’l-imputat u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta’l-Ufficjal Prosekutur. Fl-ewwel serqa, kienu insterqu stereo, xi speakers flimkien ma’ CDs u video cassettes u dana minn vettura appartenenti lil Doris Pace filwaqt illi fit-tieni

serqa ma kien insteraq xejn ta' valur, izda kienet sehhet xi hsara minima fil-vettura. Jidher illi l-persuna li ikkomettiet dawna ir-reati fl-ewwel kaz kissret il-*quarter window* tal-vettura fuq in-naha tax-xellug u fit-tieni kaz illivat il-bieba tan-naha ta' wara u dana sabiex kellha access ghal dina l-vettura. Fiz-zmien meta dawn iz-zewg reati gew kommessi u cioe' wahda fil-25 ta' Lulju 2004 u l-ohra fis-26 ta' Marzu 2006, il-pulizija elevaw l-impronti digitali minn fuq dawna z-zewg vetturi u precisament fl-ewwel kaz mill bieba vicin il-hgiega il-miksura, u fit-tieni kaz ukoll minn fuq il-bieba li giet illivata (ara Dokumenti IG10 a fol.54 u Dokument IG16 a fol.87) Ma jidhirx illi gew elevati xi impronti digitali minn fuq in-naha ta' gewwa ta'l-istess vettura jew inkella mill-post minn fejn ittiehdu l-oggetti li gew misruqa. Huwa fatt mhux ikkontestat illi dawn iz-zewg vetturi kienu gew ipparkeggjata f'post pubbliku u kienu imsakkra.

Illi ix-xhieda li ressqet il-prosekuzzjoni tikkonsisti biss fix-xhieda ta'l-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz, kif ukoll ix-xhieda tad-derubati Doris Pace u Michael Caruana. Illi l-ufficjal tal-pulzija PS1147 Antoine Feneceh eleva erba' impronti digitali minn fuq in-naha ta' barra tal-vettura ta' Doris Pace DBI019, liema impronti digitali gew esebieti bhala Dokument IG11, filwaqt illi PS771 Karl Glenville, eleva tlett impronti digitali minn fuq il-vettura BBK384 ta' Michael Caruana, kollha minn fuq il-bieba ta' wara tan-naha tax-xufier.

Illi l-Qorti innominat lil Joseph Mallia bhala espert ta'l-impronti digitali sabiex wara li jeleva l-impronti digitali u il-palm prints ta'l-imputat jaghmel ezami komparattiv mal-impronti digitali elevati minn fuq il-vetturi tad-derubati.

Illi minn ezami tar-rapport imhejji mill-espert Joseph Mallia (Dokument IG15), jirrizulta illi wiehed biss mill-impronti digitali elevati mis-scene of crime officer minn fuq kull vettura jabel ma' dak tal-imputat b'14 il-*point of comparison*. Dana qed jinghad ghal-impronti digitali bin-numru 05 BAL 302 elevat minn fuq il-vettura ta' Caruana li jaqbel mas-seba' l-kbir ta'l-id ix-xellugija ta'l-imputat,

filwaqt illi l-impronti digitali bin-numru 04 BYO 03, elevat minn fuq il-vettura ta' Doris Pace huwa identiku malmarka tas-saba tac-curkett ta'l-id ix-xellugija ta'l-imputat. Illi fir-rigward ta'l-impronti digitali bin-numru 05 BAL 302, ghalkemm fix-xhieda tieghu l-PS 171 Karl Glenville jindika illi dana gie elevat minn fuq il-bieba ta' wara tan-naha taxxufier u ezebixxa formola (Dokument IG16) fejn hemm indikat b'figura il-postijiet minn fejn gew elevati l-impronti digitali, madanakollu ma hemmx indikat dana l-impronti liema wiehed hu. Ghar-rigward ta'l-impronti digitali binnumru 04 BYO 03, l-PS1147 Fenech jindika illi dana gie "*lifted from passenger rear door near broken window outside*" (ara Dokument IG10 a fol.54). Ghal bqija ta'l-impronti digitali l-ohra elevati dawna wasslu ghal rizultat fin-negattiv jew ghall-ebda rizultat peress illi kienu nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghal komparazzjoni u identifikazzjoni.

Illi ghar-rigward tax-xhieda tad-derubati dina ma titfa' l-ebda dawl fuq dana il-kaz peress illi huma ma kellhom l-ebda hjiel ta' min setghet kienet il-persuna li ikkomettiet dawna ir-reati.

Illi min-naha tieghu l-imputat fl-istqarrijiet tieghu jinnega l-involviment tieghu f'dana il-kaz. Anke meta gie mehud fuq il-post fejn sehhew dawna r-reati mill-ufficjali tal-pulizija, huwa baqa' jinnega l-involviment tieghu. Anke meta rinfaccjat bl-akkuza illi kien hemm l-impronti digitali tieghu fuq il-vetturi involuti, l-imputat baqa' jichad illi huwa kien b'xi mod involut. Illi il-Qorti tirrileva illi fil-fatt l-istqarrijiet ta'l-imputat gew mehuda mill-pulzija f'Mejju tas-sena 2007 u ghalhekk wara iktar minn sentejn li sehhew r-reati li bihom l-imputat illum jinsab akkuzat.

Illi ghalhekk l-uniku prova li l-Qorti ghandha kontra l-imputat huma zewg impronti digitali ta'l-imputat li qabblu ma' dawk elevati wiehed minn fuq vettura wahda u l-iehor minn fuq il-vettura ohra, u cioe' id-dokument 04 BYO 03 elevat minn fuq il-vettura DBI 019 u precisament minn fuq il-bieba tan-naha ta' barra fuq in-naha ta' wara vicin il-hgiega li giet miksura, filwaqt li id-dokument 05 BAL 302 gie elevat minn fuq il-bieba ta' wara tan-naha tax-xufier,

izda ma giex indikat minn fejn gie elevat l-istess impronti peress illi mid-Dokument IG16 ma giex indikat liema huwa l-impronti digitali imsemmi. Illi dawna l-impronti digitali ghandhom 14-il *point of comparison* u abbazi ta’ dana l-espert ikkonkludu li dawna il-*matching points* iwasslu ghal konkluzjoni illi dawna huma is-swaba’ ta’l-imputat.

F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fis-7 ta’ Marzu 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Calleja gie deciz”
“Illi l-ligi taghna ma tistabbilixxix il-kriterji ta’ numru ta’ *matching points* jew *points of comparison* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma’ dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero’ il-Pulziija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid ikollha mill-inqas 14 il-point of comparison.” Il-Qorti tghaddi biex tikkowta dak li ighid Blackstones fil-ktieb tieghu Criminal Practice: “Finger print evidence, like any other evidence, is admissible … if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value.”

Illi fil-kaz indizamina huwa minnu illi l-espert tal-marki tas-swaba stabbilixxa illi z-zewg impronti digitali in kwistjoni li instabu jikkorrispondu u cioe’ ghandhom 14 il-*point if comparison* wiehed mas-saba il-kbir ta’l-id tan-naha tax-xellug u l-iehor mas-saba tac-curkett ta’l-id ix-xellugija ukoll izda ghar-rigward tal-marki l-ohra dawna taw rizultati fin-negattiv. Huwa jikkonkludi illi l-impronta li tidher fuq il-lifter document 04 BYO 03 taqbel, u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett ta’l-id ix-xellugija ta’l-imputat, filwaqt illi l-impronta li tidher fuq il-lifter document 05 BAL 302 taqbel, u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta’l-id ix-xellugija ta’l-imputat.

Illi d-difiza, qieghda targumenta illi din wahedha ma tistax tikkostitwixxi prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-

konfront ta'l-imputat, iktar u iktar meta wiehed iqies illi dawn instabu it-tnejn fuq in-naha ta' barra taz-zewg vetturi involuti u f'post pubbliku u cioe' f'post minn fejn ighaddu hafna nies. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Frendo jinghad:

"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon Fil-kaz DPP vs Kilbourne (1973) AC 729, p759 ….*works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.* Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta illi l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista' isservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L_istess ma jistax jinghad, pero' jekk dik l-impronta tinstab fuq il-bieb ta'l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb."

Illi ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ghar-rigward tal-provi migjuba quddiemha:

1. Illi l-impronti digitali in kwistjoni u cioe' dawk li qabblu ma' ta'l-imputat gew elevati mill-vetturi involuti f'dawna ir-reati sahansitra 'il fuq minn sentejn qabel ma gie arrestat l-imputat in konnessjoni maghhom.
2. illi kien biss fil-kors ta' dan il-procediment kriminali illi gew elevati l-impronti digitali u il-palm prints ta'l-imputat ghal fini ta' komparazzjoni.
3. Illi fil-maggior parti taghhom dawna l-ezamijiet komparattivi taw rizultat fin-negattiv.

4. Illi f’kull kaz kien hemm impronta wahda li qabblet ma’ dik ta’l-imputat, liema impronta f’kull kaz giet elevata minn fuq in-naha ta’ barra tal-vetturi involuti. Illi l-impronti digitali li giet elevata minn fuq il-vettura ta’ Doris Pace u li qabblet ma’dik ta’l-imputat kienet dik vicin il-post fejn kienet imkissra il-hgiega. Illi ghar-rigward ta’l-impronti digitali minn fuq il-vettura ta’ Caruana li qabblet ma’ dik ta’l-imputat ma hemmx indikazzjoni ezattament minn fejn giet elevata.
5. Il-vetturi involuti it-tnejn kienu ipparkeggjati f’post pubbliku, wahda gewwa l-Hamrun u l-ohra f’Santa Venera.
6. Illi x’aktarx illi l-kummissjoni ta’ dawn ir-reati ssehhew matul il-hin ta’ bil-lejl.
7. Illi l-imputat innega l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta’ dawn iz-zewg reati.

Illi min dawn ir-rizultanzi processwali ghalhekk l-Qorti ma tistax tasal sabiex tistabbilixxi htija fil-konfront ta’l-imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni semplicement fuq provi indizzjarji mhux korroborati, liema provi indizzjarji wahedhom jistghu iwasslu biss ghal probabbilita’ izda mhux certezza - probabbilita’, li fil-kamp penali ma tistax twassal ghal sejbien ta’ htija.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ prova.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------